MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 3/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Maria Assunta Fiteni ghan-nofs indiviz tal-proprjeta' assoluta u nofs indiviz bhala usufruttwarja; Josephine Cachia ghall-kwart indiviz tan-nuda proprjeta', Alfred Fiteni ghall-kwart indiviz tan-nuda proprjeta' u wara l-mewt ta' Maria Assuna Fiteni u Alfred Fiteni, l-atti kienu trasfuzi f'isem l-istess Josephine Cachia kwantu nofs is-sehem indiviz, Alfred Fiteni (ID 459962(M) kwantu 1/8 sehem indiviz fi proprjeta' assoluta u 1/8 sehem indiviz tan-nuda proprjeta', Sylvana Magri kwantu 1/8 sehem indiviz fi proprjeta' assoluta u 1/8 sehem indiviz tan-nuda proprjeta' u Maria Fiteni bhala uzufruttwarja ta' 2/8 sehem indiviz u dan b'digriet tal-Bord tat-23.10.08 u wara l-mewt ta' Alfred Fiteni ID 459962(M) u Maria Fiteni, fejn allura ntemm l-uzufrutt taghha, l-atti kwantu diretti kontra Alfred Fiteni kienu trasfuzi f'isem Isabel Fiteni kwantu 1/8 sehem indiviz tal-proprjeta assoluta u Clyton,**

**Nadege u Rhys ahwa fiteni ghal 1/24 sehem indiviz tal-proprjeta' assoluta kull wiehed u wahda minnhom skond digriet tal-Bord tad-9.5.2012.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid::

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-ftehim datat 4 ta' Dicembru 2002 fejn gew infurmati li l-Kera ta' Gharfien li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas b'Titolu ta' Dominju Pubbliku tal-fond 20 fix-Xatt ta' l-Isla huwa ta' tmienja u ghoxrin (Lm28) fis0sen akif jidher mir-rapport tal-Perit Michael Schembri A&CE tal-5 ta' Novembru 2002 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-30 ta' Dicembru, 2002, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettax il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sittin Lira Maltija (Lm60) fis-sena.

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jordna lill-intimat biex jitrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu tadominju pubbliku l-fond fuq imsemmi jiffissa l-Kera t'Gharfien relattiva, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha l-provi:

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonisdra:

Illi din hija kawza bazata l-artikolu 27 (13) Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar kumpens ghat-tehid ta’ fond b’xiri assolut u b’titolu ta’ dominju pubbliku. Ir-rikorrenti kien offra s-somma ta’ Lm28 fis-sena bhala kera ta’ gharfien izda l-intimati kienu opponew l-offerta maghmula lilhom u talbu minflok kera ta’ Lm60 fis-sena;

Illi mix-xhieda tal-perit Michael Schembri li esebixxa valutazzjoni mahruga mill-Ministeru tal-Intern u tal-Ambjent tal-5 ta’ Novembru 2002, l-kera ghal dan il-fond kien ta’ Lm28 fis-sena. B’objezzjoni ghal dan, xehed Charles Cachia li qal li wara li l-awtoritajiet kienu ddemolew dan il-fond bnew iehor minfloku bid-differenza illi l-appartament issa gie ferm izghar minn dak originali. Huwa esebixxa skrittura ta’ lokazzjoni ta’ garage numru 2 Marina Wharf, Senglea maghmula mill-Gvern ta’ Malta favur Maria Assunta Fiteni bil-kera ta’ Lm 40 fis-sena u dan fl-1987;

Illi f’din il-kawza kienu assenjati zewg peritit membri sabiex jassistu lill-dan il-Bord. Wara li hadu konjizzjoni tal-fatti u d-dokumenti kollha tal-kaz l-periti membri kkonkludew illi l-kumpens gust ghandu jkun ta’ tlieta u tletin lira Maltin (Lm33) fis-sena. Ic-Chairman huwa tal-fehma li l-valutazzjoni raggunta mill-membri tieghu hija wahda gusta;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu lill-awtorita’ b’titolu ta’ Dominju Pubbliku 20, fix-Xatt tal-Isla bil-kera ta’ gharfien ta’ €76.86 fis-sena dekoribbli mid-data tal-espropriju oltre l-imghax legali skond il-ligi. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-2 ta’ Awissu 2012 fil-11 am fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandhu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-

Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------